MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Numru 821/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Buttigieg Debono)**

**vs**

**LORITA PACE**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Lorita Pace ta' 21 sena, bint Carmelo u Silvana nee Zahra, imwielda Pieta fil-09/07/84 u residenti 16, Flat 1, Paola Hill, Paola. Detentur ta' Karta tal-Identita' numru 362484(M) giet akkuzata:

Talli f'dawn il-Gzejjer matul April 2005, ikommettiet serq ta' Bank Visa credit card ta' l-APS Bank mahruga f'isem Maria Carmela Sammut ghad-dannu ta' l-istess Maria Carmela Sammut u ta' l-APS Bank, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa;

u aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom, u cioe' Bank Visa credit card ta' l-APS Bank mahruga f'isem Maria Carmela Sammut u telefon cellulari ta' l-ghamla Samsung E850;

kif ukoll talli fil-15 ta' April 2005, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdit b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu ta' Maria Carmela Sammut, APS Bank u Joseanne Azzopardi, proprjetarja ta' l-istabbiliment Phones 4 U ta' Santa Venera;

u aktar talli fl-istess data u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok AG3 u nnutat li l-imputata m'ghandhix oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum, l-imputata, fl-ezami taghha, wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li mill-istqarrija tal-imputata ippresentata llum bhala Dok AG4 jirrizulta li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-Artikoli 261(g), 271, 281(a), 334, 308, 309, 310(1)(b), 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Lorita Pace, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputata u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li mill-istqarrija tal-imputata ippresentata llum bhala Dok AG4 jirrizulta li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Lorita Pace ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputata Lorita Pace tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Lorita Pace l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------